


Użu ta' pakketti tad-DPI minn ditti tal-UE 2014-2015



Ottubru 2020

Sommarju eżekuttiv

Dan l-istudju jħares lejn id-ditti tal-UE li jużaw simultanjament tipi differenti ta' DPI għall-istess prodotti fil-perjodu 2014-2015. Il-kampjun huwa magħmul minn 63 286 ditta li b'kollox għandhom 76 202 privattivi Ewropej, 98 257 trademark tal-UE (EUTMs) u 21 676 disinn Komunitarju rreġistrat (RCDs). Dawn id-DPI jirrappreżentaw 48.2 % ⁽¹⁾ tad-DPI totali ppreżentati fl-EUIPO u fl-EPO minn ditti tal-Unjoni Ewropea (UE) matul il-perjodu.

Mid-ditti f'dan il-kampjun, 8.3 % applikaw għal aktar minn tip wieħed ta' DPI. Id-DPI ppreżentati minn dawn id-ditti jikkorrispondu għal 35.7 % tad-DPI kollha fil-kampjun. Minn dawn id-ditti, 1 % applikaw għat-tliet DPI kollha, (privattivi, trademarks, u disinji rreġistrati) matul il-perjodu. Dan jikkorrispondi għal 16.8 % tad-DPI kollha rreġistrati fl-EUIPO u fl-EPO mid-ditti fil-kampjun. Dawn iċ-ċifri jindikaw konċentrazzjoni qawwija ta' DPI.

Mid-disinji u l-privattivi totali rreġistrati, nofshom jappartjenu għal ditti mill-kampjun. Barra minn hekk, 45 % tal-preżentazzjonijiet ta' disinn ġejjin minn ditti li ppreżentaw ukoll trademarks. Madankollu, il-preżentazzjonijiet tat-trademarks juru xejra differenti. Il-biċċa l-kbira tat-trademarks (kważi 80 %) jiġu ppreżentati minn ditti li jippreżentaw biss trademarks iżda la disinji u lanqas privattivi.

Il-privattivi huma d-DPI li ħafna drabi jintużaw flimkien ma' drittijiet oħra. Il-kumpaniji li ppreżentaw kemm trademarks kif ukoll privattivi ppreżentaw kważi 4 privattivi għal kull trademark; id-ditti li ppreżentaw kemm disinji kif ukoll privattivi ppreżentaw 6.5 privattivi għal kull disinn. Fir-rigward ta' disinji u trademarks ippreżentati mill-istess ditta, hemm 1.5 trademarks għal kull disinn.

Id-ditti b'ħafna DPI għandhom piż ekonomiku qawwi, li jirrappreżenta 31.9 % tal-impjeggi u 35.5 % tal-fatturat fil-kampjun. Id-ditti li ppreżentaw it-tliet tipi kollha ta' DPI jirrappreżentaw 14.1 % tal-impjeggi u 16 % tal-fatturat.

Id-daqs tad-ditti huwa importanti. Aktar ma tkun kbira d-ditta, aktar ikun probabbli li tkun negozju b'ħafna DPI. Aktar minn 20 % tad-ditti l-kbar ippreżentaw aktar minn tip wieħed ta' DPI, meta mqabbla ma' 7 % biss tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Aktar minn 64 % tad-DPI kollha ppreżentati minn ditti kbar huma konkorrenti, meta mqabbla ma' 20 % tad-DPI ppreżentati mill-SMEs.

L-istudju juri wkoll differenzi sinifikanti fost is-setturi. F'estrem wieħed, 15 % tad-ditti fil-“manifattura u estrazzjoni” huma ditti b'ħafna DPI, filwaqt li 6 % biss tad-ditti attivi f'“servizzi, kummerċ u utilitajiet” jużaw DPI konkorrenti. Dan mhuwiex sorprendenti peress li dawn is-setturi jippreżentaw relattivament ftit privattivi.

⁽¹⁾ B'mod speċifiku, dawn jirrappreżentaw 55.9 % tal-privattivi, 43.4 % tat-trademarks, u 49.2 % tad-disinji.

Użu ta' pakketti tad-DPI minn ditti tal-UE 2014-2015

Ottubru 2020